L-Istqarrijiet u l-Artikli għax-Xandir

21/01/2011

L-Akkademja u ċ-Ċensura fil-Letteratura Maltija

L-Akkademja tal-Malti tagħti l-appoġġ tagħha lil awturi validi li bil-kitba tagħhom jagħnu l-letteratura u tħoss li m'għandu jkun hemm l-ebda xkiel biex xogħlijiet letterarji jaslu għand udjenza adattata. Fil-każ tal-ktieb Vampir u stejjer oħra ta' Mario Azzopardi taqbel li l-ktieb m'għandux jitneħħa minn fuq l-ixkaffi tal-libreriji tal-iskejjel sekondarji iżda jiġi kklassifikat b'mod korrett u jkun disponibbli għal studenti aktar maturi.

L-Akkademja tappoġġja l-idea li jkun hemm bord magħmul minn persuni kompetenti li jkollu f'idejh l-ikklassifikar tal-kotba fil-libreriji.

L-Akkademja tieħu din l-okkażjoni biex tifraħ lill-awturi Maltin, fosthom Mario Azzopardi u Alex Vella Gera, li lbieraħ kisbu għarfien uffiċjali għall-kontribut letterarju tagħhom waqt is-serata tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li saret f'Kastilja, organizzata tajjeb ħafna mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Is-serata kienet dekoruża u l-Akkademja tapprezza l-isforzi li qed isiru biex il-ktieb Malti jkompli jiġi 'l quddiem.

11/01/2011

Kjarifika fuq is-Serata tal-Awturi Maltin mal-President ta' Malta li dehret fil-gazzetta Times of Malta.

Tuesday, January 11, 2011, 08:26 by

Carmel Azzopardi, president, L-Akkademja tal-Malti, Birkirkara
Maltese authors' meeting with President

I refer to the letter by Charles Briffa Akkademja Members' Meeting With Presidents (January 4). In it he joined Joe Zammit Ciantar (Discord On The Maltese Language, December 29) in pointing out that I was incorrect when in the meeting in which President George Abela hosted Maltese authors in San Anton Palace on November 23 I stated that "it was the first time that

the highest authority of the state was meeting Maltese authors". The learned gentleman also provided detailed information on "several instances when different Presidents met Akkademja members formally".

Here Prof. Briffa is mixing things up, very hopefully inadvertently. The November 23 meeting was not a meeting restricted to members of the Akkademja. It was a meeting in which not members of the Akkademja, but Maltese authors, including authors who are not members of the Akkademja (for example Dr Zammit Ciantar himself), were kindly hosted by the President. The several meetings mentioned by Prof. Briffa were meetings which involved council members of the Akkademja.

In actual fact, members of the incumbent council met Dr Abela at the same palace only a few days before the November 23 meeting, precisely on November 19.

In my speech of November 23 I was clearly referring not to the routine meetings between the Akkademja's council and the President but to that particular occasion in which the President of Malta hosted Maltese authors. For the benefit of those keen on correct historical records, it is also pertinent to point out that 55 Maltese authors attended the November 23 meeting and that, on an invitation by the council of the Akkademja, the authors, including some authors who were unable to accept the President's invitation, presented copies of their publications to the President's library. The authors responded generously and the books presented on the occasion totalled 110.

Every contributing author later received a personalised letter of thanks from the President.

14/08/2010

L-Akkademja tal-Malti ssellem lill-President Emeritus, il-Prof. Guido de Marco

L-Akkademja tal-Malti tingħaqad mal-poplu Malti fin-niket u s-sogħba għat-telfa tal-President Emeritus Prof. Guido de Marco li kien imsieħeb magħha

bħala Membru Onorarju.

L-Akkademja tal-Malti tagħraf lill-Prof. Guido de Marco bħala wieħed mill-aqwa statisti li qatt ra pajjiżna, bniedem mill-aktar ġentlom u ġeneruż, ħabib kbir tal-poplu Malti u Għawdxi kollu – politiku kbir li ħabb ilsien art twelidu.

Il-Prof. Guido de Marco, li bħala student Universitarju ħadem mill-qrib mal-Prof. Ġużè Aquilina, jibqa' magħruf bħala l-arkitett tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea – fejn illum il-Malti huwa wieħed mill-ilsna uffiċjali.

L-Akkademja tal-Malti, filwaqt li ssellem it-tifkira għażiża ta' dan l-istatista u viżjonarju straordinarju u ħabib kbir tal-ilsien Malti, tixtieq taqsam in-niket u s-solidarjetà tagħha mal-familja de Marco, il-qraba u l-ħbieb tagħhom flimkien mal-bqija tal-poplu Malti.

30/05/2010

Twieġeb l-Akkademja tal-Malti

Fit-TORĊA tat-23 ta' Mejju 2010, is-Sur Rodrigu Bovingdon, li qiegħed jikteb mill-Awstralja, fetaħ il-kanuni kontra s-Sur Sergio Grech u attakkah personalment. Il-kawża ta' dan l-attakk kienet ittra informattiva u nieqsa mill-insulti ta' Sergio Grech li fiha wieġeb, f'isem l-Akkademja, għal ittra oħra tas-Sur Rodrigu Bovingdon.

Sergio Grech u Rodrigu Bovingdon it-tnejn magħrufin fil-qasam tal-Malti.

Sergio Grech huwa l-kofundatur tal-Poeżija Plus, inizjattiva kulturali li mill-1999 ilha tlaqqa' lill-pubbliku mal-awturi Maltin kull xahar. L-udjenza li tattendi għal dawn il-laqgħat li jsiru fil-Bitħa tat-Teatru Manoel qatt ma tintalab ħlas u Sergio Grech qatt ma jitħallas. Sergio Grech ta sehmu fl-Għaqda Letterarja Maltija u għal seba' snin sħaħ tella' l-programm letterarju 'Mill-Ġnejna Maltija' volontarjament (u l-flus ħadithom l-Għaqda). Sergio Grech huwa wkoll id-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u f'dil-kariga ta sehmu biex titjieb il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb u jġib 'il quddiem il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Prim Ministru tant jaf bil-progress li sar f'din iċ-ċelebrazzjoni tal-ktieb Malti li ilu tliet snin jilqa' lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fil-Berġa ta' Kastilja biex l-attività ssir hemm, taħt il-patroċinju tiegħu.

Grech hu attiv fix-xandir kulturali u tella' għadd kbir ta' programmi dwar il-Malti u l-letteratura tiegħu, bħal *Maltija Kienet l-Ewwel Kelma* u *Temi fil-Letteratura Maltija*.

L-Akkademja tiddikjara l-fiduċja sħiħa f'Sergio Grech għax bil-ħidma u t-tħabrik diżinteressati tiegħu ġab 'il quddiem l-interessi letterarji tal-awturi lokali, fosthom għadd ta' awturi ġodda. Fuq is-Sur Rodrigu Bovingdon, li nafuh ukoll, għalissa nippreferu nisktu.

28/03/2010

L-Akkademja tal-Malti tikteb lir-Rettur dwar l-użu tal-Malti fl-Università

L-Akkademja tal-Malti għadha kif kitbet ittra lill-Università ta' Malta dwar il-kwistjoni dwar l-użu tal-Ilsien Malti fl-Università nnifisha fid-dawl tal-protesti minn bosta studenti li lmentaw li ma setgħux jużaw l-ilsien Malti fl-assessjar tagħhom. Fil-fatt id-deċiżjoni ttieħdet fl-aħħar laqgħa tal-Akkademja tal-Malti li ddiskutiet il-kwistjoni.

Il-gazzetta *Illum* staqsiet jekk dan l-aħħar l-Akkademja ltaqgħetx biex tiddikuti l-kwistjoni tal-użu tal-Malti fl-eżamijiet fl-Università ta' Malta, id-data meta saret din il-laqgħa, u x'kienet id-deċiżjoni tal-Akkademja dwar dan. Carmel Azzopardi, il-President tal-Akkademja tal-Malti, ikkonferma li din kienet kitbet ittra lill-Università ta' Malta. "Dwar il-mistoqsijiet tiegħek nista' ngħidlek biss li l-Akkademja ddiskutiet il-kwistjoni f'laqgħa u wara din il-laqgħa jien ktibt lir-rettur tal-Università," qal Azzopardi lil Illum. Iżda Azzopardi ma riedx jagħti aktar dettalji dwar il-kontenut ta' din l-ittra għax fost l-oħrajn, fi kliemu stess, "qed nistennew li jkun hemm xi żviluppi," dwar din il-kwistjoni.

Meta faqqet din il-kwistjoni xahar ilu, Azzopardi kien wieħed minn dawk in-nies li kien ikkritika din id-deċiżjoni. "Jien kontra kull restrizzjoni fl-użu tal-ilsien Malti f'pajjiżna. Dan jistona aktar u aktar meta r-restrizzjoni ssir fl-ogħla istituzzjoni edukattiva fil-pajjiż," kien saħaq Azzopardi meta kien ikkuntattjat minn*Illum*. "Nemmen li kull Malti għandu d-dritt li jesprimi ruħu bil-lingwa nazzjonali tiegħu f'kull qasam, inkluż fl-Università," kien qal Azzopardi. Azzopardi dakinhar kien ħabbar ukoll li l-Akkademja kienet se

tiddiskuti “dan l-iżvilupp fil-laqgħa li jmiss u se turi l-fehma tagħha”.

Intant, l-għadd ta’ nies li qed jipprotestaw fuq Facebook kontra d-deċiżjoni tas-Senat tal-Università ta’ Malta li ma jibqax jaċċetta *dissertation papers* jew karti tal-eżamijiet bil-miktub bl-ilsien Malti fl-aħħar xahar tela’ minn 1,300 għal aktar minn 1,800 persuna. Id-deċiżjoni kienet qajmet furur mhux biss fost l-istudenti nfushom iżda wkoll fost akkademiċi fl-Università u barra minnha.

05/09/2008

L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-Kunsill tal-Malti għall-ħruġ tad-Deċiżjonijiet 1 – ir-regoli l-ġodda tal-kitba Maltija. Il-ġabra tar-regoli li kellna sa issa ilha fis-seħħ mill-1924 bil-ħidma tal-aħjar kittieba tal-Malti ta’ dak iż-żmien u fil-fatt għadha taqdina tajjeb ħafna. Persunaġġi kbar bħal Dun Karm, Ninu Cremona u Ġużè Muscat Azzopardi kienu ħadu l-interess jirregolaw il-kitba Maltija u għal dan il-għan ingħaqdu u waqqfu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Kien żmien meta fl-Università ma kinitx tintgħallem il-lingwistika Maltija u meta l-kitba Maltija ma kellhiex importanza. B’nuqqasijiet bħal dawn, ix-xogħol tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti jistħoqqlu kull foħrija u l-akbar konferma waslet mill-Kunsill tal-Malti nnifsu li fid-deċiżjonijiet il-ġodda straħ fuq ir-regoli ta’ qabel u applikahom biex jiċċara l-kitba ta’ xi każijiet dubjużi.

L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-Kunsill li mexa maż-żminijiet u nqeda bil-lingwisti kkwalifikati u b’nies oħra esperti fil-Malti. Issa li għandna għadd kbir ta’ studjużi tal-ilsien Malti, fosthom anki studjużi barranin, nieħdu pjaċir naraw il-kollaborazzjoni tikber. L-Akkademja tifraħlu fuq kollox talli d-

Deċiżjonijiet 1 wasal għalihom wara konsultazzjoni sħiħa mal-pubbliku, partikolarment il-kittieba, it-tradutturi u l-għalliema. Kulħadd seta' jaqra l-fehmiet ta' dawn il-ħaddiema tal-Malti fil-ktieb li tqassam b'xejn fis-seminar ta' Jannar 2007.

L-Akkademja tinnota bi pjaċir li għadd ta' membri tagħha taw il-fehma meqjusa tagħhom waqt il-konsultazzjoni li saret u xi wħud kienu wkoll attivi b'mod dirett fil-proċess li wassal għal dawn id-deċiżjonijiet. Għaldaqstant, tħeġġeġ lil membri oħra biex jagħtu fehmithom qabel ma jittieħdu ddeċiżjonijiet li jmiss, li se jkunu fuq il-kitba tal-kliem li ġej mill-Ingliż.